# MALTA

**ATT Nru. XVII ta' l-1989**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1981 dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja**

**ACT No. XVII of 1989**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Commissioners for Justice Act, 1981.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

4 ta' Lulju, 1989

## ATT Nru. XVII ta' l-1989

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1981 dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1981 dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor.

**2.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu il-kliem "li jkunu għalqu l-erbgħin sena" għandhom jitħassru; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

"(3) Il-Kummissarji jkunu jistgħu jiġu maħtura mill-ġdid.".

**3.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "is-Segretarju għandu" għandhom jidħlu l-kliem "ir-Reġistratur tal-Qorti għandu";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) minflok is-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

"(5) L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati. L-ordni msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skond u għal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**4.** Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

"(4) Meta l-Qorti tikkonferma jew tvarja d-deċiżjoni tal-Kummissarju, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) u (6) ta' l-artikolu 8 għandhom japplikaw.".

Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**5.** Minflok il-partita 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni
Artikolu 42(1)(b).".

Dispożizzjoni tranżitorja.

**6.** Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali għandhom ikomplu japplikaw għal kull reat magħmul taħt l-artikolu 19 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 250 tas-26 ta' Ġunju, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

4th July, 1989

## ACT No. XVII of 1989

*AN ACT to amend the Commissioners for Justice Act, 1981.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Commissioners for Justice (Amendment) Act, 1989, and shall be read and construed as one with the Commissioners for Justice Act, 1981, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 4 of the principal Act.

**2.** Section 4 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in subsection (1) thereof the words "who have completed forty years of age" shall be deleted; and

(b) for subsection (3) thereof there shall be substituted the following:

"(3) The Commissioners shall be re-eligible for appointment.".

Amendment of section 8 of the principal Act.

**3.** Section 8 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in subsection (3) thereof for the words "the Secretary shall" there shall be substituted the words "the Registrar of the Courts shall";

(b) subsection (4) thereof shall be deleted; and

(c) for subsection (5) thereof there shall be substituted the following:

"(5) The amount of the penalty shall be due and owing to the Government as a civil debt, liquidated and certain, and may be collected by the Registrar of Courts. The order referred to in subsection (2) of this section shall constitute an executive title within the meaning and for the purposes of Title VII of Part I of Book Second of the Code of Organisation and Civil Procedure.".

Amendment of section 9 of the principal Act.

**4.** Immediately after subsection (3) of section 9 of the principal Act, there shall be added the following subsection:

"(4) Where the Court confirms or varies the decision of the Commissioner, the provisions of subsections (3), (5) and (6) of section 8 shall apply.".

Amendment of the Schedule of the principal Act.

**5.** For item 7 of the Schedule to the principal Act there shall be substituted the following:

"7. Education Act, 1988
Section 42(1)(b).".

Transitory provision.

**6.** Notwithstanding the provisions of section 5 of this Act, the provisions of the principal Act shall continue to apply to any offence under section 19 of the Education Act, 1974 committed before the coming into force of this Act.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 250 of the 26th June, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives.*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*